**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 13 ta' Marzu 2002**

**Numru** 3
**Citaz. Nru.** 787/90 FD

**Joseph Brincau**

**Vs**

**Mary Ann Brincau**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi l-hajja konjugali saret impossibbli bejn il-kontendenti minhabba adulterju manifest tal-konvenuta li qeghda tikkoabita ma' persuna ohra u sahansitra li ghandha tarbija minnu;

Premess illi l-attur gie awtorizzat illi jistitwixxi dawn il-proceduri;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana ghar-ragunijiet imputabbli ghall-istess konvenuta;

2. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti u tikkommina kontra taghha l-provvedimenti previsti mill-istess ligi dwar is-sehem li jista’ jkun jispetta lilha;

3. Tiddikjara lill-konvenuta dekaduta minn kull dritt ta’ manteniment jew ta’ successjoni minghand l-attur.

L-ispejjez ghall-konvenuta inkluzi dawk li saru in konnessjoni mal-proceduri tas-Sekond’ Awla;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess attur u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li fiha hija eccepiet:-

1. Illi fl-ewwel lok, it-talbiet attrici kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-istess attur stante li l-effetti tad-digriet tas-Sekond' Awla ta' din il-Qorti kienu skadew b'mod li l-imsemmi attur m'ghadux awtorizzat jistitwixxi dawn il-proceduri;

2. Illi z-zwieg bejn il-kontendenti tfarrak irrimedjabilment minhabba l-adulterju, minacci, swat, insulti u nuqqasijiet ohra imputabbli lill-attur, kwindi ma kienx hemm lok ghall-applikazzjoni tal-komminazzjonijiet mitluba;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenuta u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat id-digriet taghha tad-9 ta' Gunju 1992 li permezz tieghu giet nominata l-avukat Dr. Yana Micallef Stafrace bhala espert legali biex tfittex u tirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici u wara li tiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet sollevati, u taghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta' l-imsemmija espert legali li tinsab a fol 145 *et sequitur* tal-process u li giet minnha debitament konfermata fl-Udjenza ta' l-26 ta' April, 1999;

Rat id-digriet taghha tas-16 ta' Gunju 1999 li permezz tieghu gie nominat bhala espert tekniku l-Perit David Pace biex jaghmel valutazzjoni tal-fond konjugali;

Rat ir-relazzjoni ta' l-istess espert tekniku li tinsab a fol 173 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-14 ta' Gunju tas-sena 2000;

Semghet lid-difensuri;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Illi l-attur ipprezenta din ic-citazzjoni fejn talab li l-Qorti tippronunzja s-separazzjoni personali bejnu u bejn martu l-konvenuta minhabba ragunijiet imputabbli lill-istess konvenuta, talab ukoll ix-xoljiment u d-divizjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti u l-komminazzjoni kontra l-konvenuta tal-provvedimenti imsemmija fic-citazzjoni inkluza li tilfet id-dritt tal-manteniment u tas-successjoni;

Illi minn naha taghha l-konvenuta eccepiet illi l-attur ma kienx awtorizzat regolarment biex jintavola din ic-citazzjoni, u billi z-zwieg tkisser minhabba n-nuqqasijiet li jinkludu l-adulterju imputabbli lill-attur;

Illi oltre ix-xhieda estensiva li inghatat permezz ta' l-affidavit, il-Qorti kellha okkazzjoni tisma' xhieda importanti direttament fil-Qorti, u jidher li l-attur irnexxielu jipprova li l-konvenuta abbandunat id-dar matrimonjali peress li kellha relazzjoni adultera ma' wiehed bl-isem ta' Eddie Galea u li sussegwentement kellha wkoll tarbija minnu;

Illi minn naha taghha l-konvenuta ma rnexxilhiex tipprova n-nuqqasijiet li ppruvat tattribwixxi lill-attur; dan in-nuqqas ta' direzzjoni jidher ukoll mill-fatt illi mill-affidavit taghha ppruvat

taghti mpressjoni li zewgha kien xi omosesswali izda aktar tard bdiet tipprova takkuzah illi kellu relazzjoni ma' certu wahda Grace, hairdresser, u li kienet tahdem mieghu;

Illi ghalhekk il-Qorti tifhem illi ghandha taqbel ma' l-opinjoni espressa mill-espert legali li l-ewwel talba attrici ghandha tigi akkolta u dan peress li l-konvenuta abbandunat id-dar matrimonjali u marret tghix ma' l-imsemmi Eddie Galea;

Illi dwar il-kwistjoni patrimonjali, id-dar matrimonjali tidher li hija l-assi principali, u din giet stmata mill-espert tekniku fl-ammont ta' Lm14,800 ghalkemm kienet giet akkwistata minghand Stephanie Borg ghas-somma ta' Lm7900 f'Gunju 1988; l-ammont stmat mill-espert tekniku jidher li huwa ferm superjuri ghal dak indikat mill-istess espert legali fid-data imsemmija;

Illi ghalkemm il-partijiet ma pprezentaw ebda sottomissjonijiet dwar il-valuri u d-divizjoni tal-komunjoni oltre dak li jirrizulta mill-process, il-Qorti tifhem li l-valur tal-beni mobbli wara li ghadda dak iz-zmien ghandhom jigu ridotti minn dak indikat fir-rapport peritali u ghalhekk tifhem li ammont ta' hames mitt lira (Lm500) huwa aktar verosimili;

Illi wara li kkonsidrat il-valur tad-dar kif ukoll id-dejn li l-attur inkorra kemm ghall-htigijiet minnu spjegati fid-deposizzjonijiet u mid-dokumenti esebiti kif ukoll ghal spejjez ohra li huwa kellu jbati minhabba l-abbandun ta' martu, il-Qorti *arbitrii boni viri* tiddeciedi li l-bilanc

attiv tal-komunjoni ta' l-akkwisti huwa ta' erbat elef lira Maltin (Lm4000) jekk lill-attur jigi assenjat id-dar matrimonjali bil-mobbli ta' go fiha u jkun ikkundannat ihallas id-dejn kollu li hemm jew li ghad jista' jithallas fuq l-imsemmija dar; jidher li l-valur tad-dar zdied tul iz-zmien u ghalhekk ikun opportun li l-ammont ta' elfejn lira Maltin (Lm2000) li l-konvenut ser ikun ikkundannat ihallas lill-attrici ghandu jigi mhallas ratealment f'perjodu pjuttost twil;

Illi dwar l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenuta, mill-ezami tal-process ma jidhirx li tressqu ebda provi f'dan ir-rigward ghalkemm il-konvenuta setghet tressaq id-dokument relattiv li jinstab fir-Registru tal-Qorti u ghalhekk il-Qorti sejra tichad dina l-eccezzjoni.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Wara li tichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuta;

Tilqa' l-Ewwel Domanda u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn iz-zewg kontendenti u dan minhabba ragunijiet imputabbli esklusivament lill-istess konvenuta liema nuqqasijiet jinkludu wkoll l-adulterju u abbandun;

Tilqa' wkoll it-Tieni Domanda u tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti; tilqa' it-talba ghall-komminazzjoni kontra l-konvenuta tal-provvedimenti opportuni, u tiddividi l-komunjoni ta' l-akkwisti

billi wara li tassenja lill-attur in piena proprjeta` id-dar matrimonjali u tal-beni mobbli kontenuti fiha b'dan li hu ghandu jhallas id-dejn kollu li hemm jew li ghad jista' jithallas fuq l-istess dar, tikkundannah ihallas lill-konvenuta per saldu ta' sehemha is-somma ta' elfejn lira Maltin (Lm2000), liema somma ghandha tithallas b'rati annwali ta' mhux anqas minn erba' mitt lira Maltin (Lm400), l-ewwel pagament ta' erba' mitt lira Maltin (Lm400) ghandu jithallas fi zmien sitt (6) xhur minn meta din is-sentenza tghaddi in gudikat.

Tilqa' wkoll it-Tielet Domanda kif dedotta fic-citazzjoni.

L-ispejjez jithallsu mill-konvenuta.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur